32007E0246

24.4.2007 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 16/67

# POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2007/246/PESK

## tat-23 ta' April 2007

## li temenda l-Posizzjoni Komuni 2007/140/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Frar 2007 l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea adotta l-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK ([1]) dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran li implimentaw ir-Riżoluzzjoni 1737 (2006) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonjiet Uniti ("UNSCR 1737(2006)").

(2) Fl-24 ta' Marzu 2007 l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonjiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 1747 (2007) ("UNSCR 1747(2007)") li wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restrittivi imposti mill-UNSCR 1737 (2006).

(3) L-UNSCR 1747 (2007) tipprojbixxi l-akkwist ta' armi u materjal relatat mill-Iran.

(4) L-UNSCR 1747 (2007) barra minn hekk issejjaħ lill-Istati kollha biex jeżerċitaw viġilanza u restrizzjoni fil-forniment dirett jew indirett, bejgħ jew trasferiment għall-Iran ta' armi konvenzjonali kif definiti għall-għan tar-Reġistru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Armi Konvenzjonali kif ukoll bħal fil-provvediment ta' assistenza jew taħriġ tekniku, assistenza finanzjarja, investiment, senserija jew servizzi oħra, u fit-trasferiment ta' riżorsi teknići jew servizzi relatati għall-forniment, trasferiment ta' bejgħ, manifattura jew użu ta' tali oġġetti sabiex tiġi prevenuta akkulumazzjoni destabilizzanti ta' armi. B'mod konformi ma' dawn l-objettivi tal-UNSCR 1747 (2007) kif ukoll mal-politika ta' l-UE li ma tbigħx armi lill-Iran, il-Kunsill jikkonsidra xieraq li jipprojbixxi l-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment għall-Iran ta' l-armi kollha u materjal relatat, kif ukoll il-provvediment ta' assistenza, investiment u servizzi relatati.

(5) L-UNSCR 1747 (2007) jestendi s-sanzjonijiet finanzjarji u fuq safar imposti mill-UNSCR 1737 (2006) lil persuni u entitajiet addizzjonali involuti fi, assoċjati direttament ma' jew li jipprovdu sostenn għal, attivitajiet nukleari sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni ta' l-Iran jew l-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari.

(6) Minbarra dan, l-UNSCR 1747 (2007) iħeġġeġ lill-Istati u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali kollha sabiex ma jidħlux f'impenji ġodda għal għotjiet, assistenza finanzjara u self konċessjonali lill-Gvern ta' l-Iran, ħlief għal skopijiet umanitarji u ta' żvilupp.

(7) Il-Kunsill identifika wkoll persuni u entitajiet li jissodisfaw il-kriterji mniżżla fl-Artikoli 4(1)(b) u 5(1)(b) tal-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK. Dawn il-persuni u l-entitajiet għandhom għalhekk jiġu elenkati fl-Anness II ta' dik il-Pożizzjoni Komuni.

(8) Il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK għandha tiġi emendata f'dan is-sens,

(9) Hija meħtieġa azzjoni mill-Komunità sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

Il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1) Fl-Artikolu 1(1), is-subparagrafu (ċ) li ġej għandu jiġi miżjud:

"(ċ) armi u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armamenti u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u spare parts għal dan imsemmi qabel. Din il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika għal vetturi mhux tal-kumbattiment li nbnew jew li ġew mgħammra b'materjali biex jipprovdu protezzjoni ballistika, maħsuba biss għall-użu protettiv tal-persunal ta' l-UE u l-Istati Membri tagħha fl-Iran"

([1]) ĠU L 61, 28.2.2007, p. 49.

2) L-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

"*Artikolu 3a*

L-Istati Membri m'għandhomx jidħlu f'impenji ġodda ta' għotjiet, assistenza finanzjarja u self konċezzjonarju lill-gvern ta' l-Iran, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, ħlief għal skopijiet umanitarji u ta' żvilupp."

3) L-Annessi I u II għandhom jiġu sostitwiti bil-lista li tidher fl-Annessi I u II għal din il-Pożizzjoni Komuni.

*Artikolu 2*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tidħol b'effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, 23 ta' April 2007.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F.-W. STEINMEIER

*ANNESS I*

**"Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) u ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 5(1)(a)**

A. **ENTITAJIET**

(1) Grupp ta' l-Industriji Metallurġiċi u ta' Munizzjon (AMIG) (magħruf ukoll bħala Grupp ta' l-Industriji ta' Munizzjon). Informazzjoni oħra: L-AMIG tikkontrolla is-seba' ta' Tir, li huwa indikat taħt ir-riżoluzzjoni 1737 (2006) għar-rwol tiegħu fil-programm taċ-ċentrifugi ta' l-Iran. L-AMIG minn naħa tiegħu huwa proprjetà u kontrollat mill-Organizzazzjoni ta' l-Industriji tad-Difiża (DIO), li hija indikata taħt ir-riżoluzzjoni 1737 (2006)

(2) Organizzazzjoni għall-Enerġija Atomika ta' l-Iran (AEOI). Informazzjoni oħra: Involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(3) Il-Bank Sepah u l-Bank Sepah International. Informazzjoni oħra: Il-Bank Sepah jipprovdi appoġġ lill-Organizzazzjoni ta' l-Industriji Aereospazjali (AIO) u lis-subordinati, inkluż il-Grupp Industrijali Shahid Hemmat (SHIG) u l-Grupp Industrijali Shahid Bagheri (SBIG), li t-tnejn li huma ġew indikati taħt ir-riżoluzzjoni 1737 (2006).

(4) Grupp ta' l-Industriji tal-Missili Cruise (magħruf ukoll bħala Grupp ta' l-Industriji tal-Missili Difiża Navali). Informazzjoni oħra: Produzzjoni u żvilupp ta' missili cruise. Responsabbli mill-missili navali inkluż missili cruise.

(5) Organizzazzjoni ta' l-Industriji tad-Difiża (DIO). Informazzjoni oħra: (a) Entità globali kkontrollata minn MODAFL, li xi wħud mis-subordinati tagħha kienu nvoluti fil-programm taċ-ċentrifugi li jagħmel komponenti, u fil-programm missilistiku, (b) Involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(6) Iċ-Ċentru ta' Riċerka u Produzzjoni ta' Fjuwil Nukleari ta' Esfahan (NFRPC) u c-Ċentru tat-Teknoloġija Nukleari ta' Esfahan (ENTC). Informazzjoni oħra: Dawn huma parti Esfahan huwa parti mill-Kumpannija ta' Produzzjoni u Akkwist ta' Fjuwil Nukkleari ta' l-Organizzazzjoni għall-Enerġija Atomika ta' l-Iran (AEOI), li hija involuta f'attivitajiet relatati ma' l-arrikiment. L-AEOI huwa indikat taħt ir-riżoluzzjoni 1737 (2006)

(7) Grupp Industrijali Fajr. Informazzjoni oħra: (a) Dak li qabel kien Impjant ta' Fabrika ta' l-Istrumentazzjoni, (b) Entità subordinata ta' l-AIO, (ċ) Involuta fil-programm missilistiku ballistiku ta' l-Iran.

(8) Farayand Technique. Informazzjoni oħra: (a) Involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran (programm taċ-ċentrifugi), (b) Identifikata fir-rapporti ta' l-AIEA.

(9) Kala-Electric (magħrufa wkoll bħala Kalaye Electric) Informazzjoni oħra: (a) Fornitur għall-PFEP — Natanz, (b) Involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(10) Ċentru ta' Riċerka Nukleari Karaj. Informazzjoni oħra: Parti mid-diviżjoni ta' riċerka ta' l-AEOI.

(11) Kumpannija Kavoshyar. Informazzjoni oħra: Kumpannija sussidjarja ta' l-AEOI, li fittxet fibri tal-ħġieġ, funderiji ta' spazju vakwu u tagħmir tal-laboratorju għall-programm nukleari ta' l-Iran.

(12) Il-Kumpannija Mesbah Energy. Informazzjoni oħra: (a) Fornitur tar-reattur għar-riċerka A40 — Arak, (b) Involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(13) Il-Kumpannija Novin Energy (magħrufa wkoll bħala Pars Novin). Informazzjoni oħra: Topera fi ħdan l-AEOI u trasferiet fondi f'isem l-AEOI lil entitajiet assoċjati mal-programm nukleari ta' l-Iran.

(14) Industriji Kimiċi Parchin. Informazzjoni oħra: Fergħa tad-DIO, li tipproduċi munizzjon, splussivi, kif ukoll propellanti solidi għal rokits u missili.

(15) Il-Kumpannija Pars Aviation Services. Informazzjoni oħra: Din il-kumpannija iżżomm diversi inġenji ta' l-ajru inkluż MI-171, użat mill-Forza ta' l-Ajru tal-Korpi tal-Gwardji Rivoluzzjonarji Iranjani (IRGC).

(16) Il-Kumpannija Pars Trash. Informazzjoni oħra: (a) Involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran (programm taċ-ċentrifugi), (b) Identifikata fir-rapporti ta' l-AIEA.

(17) Industriji Aeronawtiċi Qods. Informazzjoni oħra: Tipproduċi vetturi ta' l-ajru mtajra bla ekwipaġġ (UAVs), paraxuts, para-glajders, para-motors, eċċ. L-IRGC ftaħret li tagħmel użu minn dawn il-prodotti bħala parti mid-dutrina ta' gwerra assimetrika tagħha.

(18) Grupp Industrijali Sanam. Informazzjoni oħra: subordinata ta' l-AIO, li xtrat tagħmir f'isem l-AIO għall-programm missilistiku.

(19) Is-Seba' ta' Tir. Informazzjoni oħra: (a) Subordinata ta' DIO, rikonoxxuta ġeneralment bħala involuta direttament fil-programm nukleari ta' l-Iran, (b) Involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(20) Il-Grupp Industrijali Shahid Bagheri (SBIG) Informazzjoni oħra: (a) Entità subordinata ta' l-AIO, (b) Involuta fil-programm missilistiku ballistiku ta' l-Iran.

(21) Il-Grupp Industrijali Shahid Hemmat (SHIG). Informazzjoni oħra: (a) Entità subordinata ta' l-AIO, (b) Involuta fil-programm missilistiku ballistiku ta' l-Iran.

(22) Sho'a' Aviation. Informazzjoni oħra: Tipproduċi mikro-dwal li l-IRGC stqarret li qed tuża bħala parti mid-dutrina ta' gwerra assimetrika tagħha.

(23) Grupp Industrijali Ya Mahdi. Informazzjoni oħra: subordinat ta' l-AIO, li huwa involut fix-xiri internazzjonali ta' tagħmir missilistiku.

B. **PERSUNI FIŻIĊI**

(1) Fereidoun **Abbasi-Davani**. Informazzjoni oħra: Xjentist Għoli fil-Ministeru tad-Difiża u Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) b'rabtiet ma' l-Istitut tal-Fiżika Applikata, jaħdem mill-qrib ma' Mohsen Fakhrizadeh-Mahabadi

(2) Dawood **Agha-Jani**. Funzjoni: Kap tal-PFEP (Natanz). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(3) Ali Akbar **Ahmadian**. Titolu: Viċi Ammiral. Funzjoni: Kap tal-Korpi tal-Gwardji Rivoluzzjonarji Iranjani (IRGC) Persunal Konġunt.

(4) Behman **Asgarpour**. Funzjoni: Maniġer Operattiv (Arak). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(5) Bahmanyar Morteza **Bahmanyar**. Funzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-Finanzi u l-Baġit, AIO. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm missilistiku ballistiku ta' l-Iran.

(6) Ahmad Vahid **Dastjerdi**. Funzjoni: Kap ta' l-AIO. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm missilistiku ballistiku ta' l-Iran.

(7) Ahmad **Derakhshandeh**. Funzjoni: President u Direttur Maniġerjali tal-Bank Sepah. Informazzjoni oħra: Il-Bank Sepah jipprovdi appoġġ lil-AIO u lis-subordinati, inkluż SHIG u SBIG, li t-tnejn li huma ġew indikati taħt il-UNSCR 1737 (2006).

(8) Reza-Gholi **Esmaeli**. Funzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Affarijiet Internazzjonali, AIO. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm missilistiku ballistiku ta' l-Iran.

(9) Mohsen **Fakhrizadeh-Mahabadi**. Informazzjoni oħra: Xjentist għoli tal-MODAFL u eks kap taċ-Ċentru tar-Riċerka Fiżika (PHRC). L-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika (AIEA) talbet biex tintervistah dwar l-attivitajiet tal-PHRC waqt il-perijodu meta hu kien kap iżda l-Iran irrifjuta.

(10) Mohammad **Hejazi**. Titolu: Brigadier Ġenerali. Funzjoni: Kmandant tal-forzi ta' reżistenza ta' Bassij

(11) Mohsen **Hojati**. Funzjoni: Kap tal-Grupp Industrijali Fajr. Informazzjoni oħra: Il-Grupp Industrijali Fajr huwa indikat taħt il-UNSCR 1737 (2006) għar-rwol tiegħu fil-programm missilistiku ballistiku.

(12) Mehrdada Akhlaghi **Ketabachi**. Funzjoni: Kap tas-SBIG. Informazzjoni oħra: Is-SBIG huwa indikat taħt il-UNSCR 1737 (2006) għar-rwol tiegħu fil-programm missilistiku ballistiku.

(13) Ali Hajinia **Leilabadi**. Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Kumpannija Mesbah Energy Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(14) Naser **Maleki**. Funzjoni: Kap tas-SHIG. Informazzjoni oħra: Is-SHIG huwa indikat taħt il-UNSCR 1737 (2006) għar-rwol tiegħu fil-programm missilistiku ballistiku ta' l-Iran. Naser Maleki huwa wkoll uffiċjal tal-MODAFL li jissorvelja xogħol fuq il-programm missilistiku ballistiku Shahab-3. Is-Shahab-3 hija l-missila ballistika ta' medda twila ta' l-Iran attwalment fis-servizz.

(15) Jafar **Mohammadi**. Funzjoni: Konsulent Tekniku għall-AEOI (inkarigat mill-ġestjoni tal-produzzjoni ta' valvijiet għaċ-ċentrifugi). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(16) Ehsan **Monajemi**. Funzjoni: Maniġer tal-Proġett ta' Kostruzzjoni, Natanz. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(17) Mohammad Mehdi Nejad **Nouri**. Titolu: Ten Ġen. Funzjoni: Rettur ta' l-Università ta' Malek Ashtar għat-Teknoloġija tad-Difiża. Informazzjoni oħra: Id-dipartiment tal-kimika ta' l-Università ta' Ashtar għat-Teknoloġija tad-Difiża huwa affiljat mal-MODALF u wettaq esperimenti dwar il-berilju. Persuna involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(18) Mohammad **Qannadi**. Funzjoni: Viċi President ta' l-AEOI għar-Riċerka u l-Iżvilupp. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(19) Amir **Rahimi**. Funzjoni: Kap taċ-Ċentru ta' Riċerka u Produzzjoni ta' Fjuwil Nukleari ta' Esfahan. Informazzjoni oħra: Iċ-Ċentru ta' Riċerka u Produzzjoni ta' Fjuwil Nukleari ta' Esfahan huwa parti mill-Kumpannija ta' Produzzjoni u Akkwist ta' Fjuwil Nukkleari ta' l-AEOI, li hija involuta f'attivitajiet relatati ma' l-arrikiment.

(20) Morteza **Rezaie**. Titolu: Brigadier Ġenerali. Funzjoni: Viċi Kmandant ta' l-IRGC

(21) Morteza **Rezaie**. Titolu: Viċi Ammiral. Funzjoni: Kmandant tal-qawwa Navali ta' l-IRGC.

(22) Yahya Rahim **Safavi**. Titolu: Maġġ Ġen. Funzjoni: Kmandant, IRGC (Pasdaran). Informazzjoni oħra: Persuna involuta kemm fil-programm missilistiku ballistiku kif ukoll dak nukleari ta' l-Iran.

(23) Seyed Jaber **Safdari**. Informazzjoni oħra: Maniġer tal-Faċilitajiet ta' Arrikkiment ta' Natanz

(24) Hosein **Salimi**. Titolu: Ġeneral. Funzjoni: Kmandant tal-Forza ta' l-Ajru, IRGC (Pasdaran). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm missilistiku ballistiku ta' l-Iran.

(25) Qasem **Soleimani**. Titolu: Brigadier Ġenerali. Funzjoni: Kmandant tal-forza Qods.

(26) Mohammad Reza **Zahedi**. Titolu: Brigadier Ġenerali. Funzjoni: Kmandant tal-Forzi ta' l-Art ta' l-IRGC.

(27) General **Zolqadr**. Funzjoni: Deputat Ministru ta' l-Intern għall-Affarijiet ta' Sigurtà, uffiċjal ta' l-IRGC."

*ANNESS II*

"A. **Natural persons**

| | Name | Identifying information | Reasons |
|---|---|---|---|
| 1. | Reza AGHAZADEH | DoB: 15.3.1949 Passport number: S4409483 valid 26.4.2000-27.4.2010 Issued: Tehran Place of birth: Khoy | Head of the Atomic Energy Organisation of Iran (AEOI). The AEOI oversees Iran's nuclear programme and is designated under UNSCR 1737 (2006). |
| 2. | Amir Moayyed ALAI | | Involved in managing the assembly and engineering of centrifuges. Iran is required by the IAEA Board and Security Council to suspend all enrichment-related activities. This includes all centrifuge-related work. On 27 August 2006, Alai received a special award from President Ahmadinejad for his role in managing the assembly and engineering of centrifuges. |
| 3. | Mohammed Fedai ASHIANI | | Involved in the production of ammonium uranyl carbonate (AUC) and the management of the Natanz enrichment complex. Iran is required to suspend all enrichment-related activities. On 27 August 2006, Ashiani received a special award from President Ahmadinejad for his role in the AUC production process and for his role in the management and engineering design for the enrichment complex at Natanz (Kashan) site. |
| 4. | Haleh BAKHTIAR | | Involved in the production of magnesium at a concentration of 99,9 %. On 27 August 2006, Bakhtiar received a special award from President Ahmadinejad for her role in producing magnesium at a concentration of 99,9 %. Magnesium of this purity is used to produce uranium metal, which can be cast into material for a nuclear weapon. Iran has refused to provide the IAEA access to a document on the production of uranium metal hemispheres, only applicable for nuclear weapons use. |
| 5. | Morteza BEHZAD | | Involved in making centrifuge components. Iran is required to suspend all enrichment-related activities. This includes all centrifuge-related work. On 27 August 2006, Behzad received a special award from President Ahmadinejad for his role making complex and sensitive centrifuge components. |
| 6. | Dr Hoseyn (Hossein) FAQIHIAN | Address of NFPC: AEOI-NFPD, PO Box: 11365-8486, Tehran/Iran | Deputy and Director-General of the Nuclear Fuel Production and Procurement Company (NFPC), part of the AEOI. The AEOI oversees Iran's nuclear programme and is designated under UNSCR 1737 (2006). The NFPC involved in enrichment-related activities that Iran is required by the IAEA Board and Security Council to suspend. |

| | Name | Identifying information | Reasons |
|---|---|---|---|
| 7. | Seyyed Hussein (Hossein) HUSSEINI (HOSSEINI) | | AEOI official involved in the heavy water research reactor (IR40) project at Arak. UNSCR 1737 (2006) required Iran to suspend all work on heavy-water-related projects. |
| 8. | M. Javad KARIMI SABET | | Head of the Novin Energy Company. In August 2006 Karimi Sabet received an award from President Ahmadinejad for his role in designing, producing, installing and commissioning nuclear equipment at the Natanz site. |
| 9. | Said Esmail KHALILIPOUR | | Deputy Head of AEOI. The AEOI oversees Iran's nuclear programme and is designated under UNSCR 1737 (2006). |
| 10. | Ali Reza KHANCHI | Address of NRC: AEOI-NRC PO Box: 11365-8486 Tehran/Iran Fax: (+9821) 8021412 | Head of AEOI's Tehran Nuclear Research Centre. The IAEA is continuing to seek clarification from Iran about plutonium separation experiments carried out at the TNRC, including about the presence of HEU particles in environmental samples taken at the Karaj Waste Storage Facility where containers used to store depleted uranium targets used in those experiments are located. The AEOI oversees Iran's nuclear programme and is designated under UNSCR 1737 (2006). |
| 11. | Hamid-Reza MOHAJERANI | | Involved in production management at the Uranium Conversion Facility (UCF) at Esfahan. On 27 August 2006, Mohajerani received a special award from President Ahmadinejad for his role in production management at the UCF and in planning, building and installing the UF6 unit ($UF_6$ is the feed material for enrichment). |
| 12. | Houshang NOBARI | | Involved in the management of the Natanz enrichment complex. Iran is required by the IAEA Board and Security Council to suspend all enrichment-related activities. These include activities at the enrichment complex at Natanz (Kashan). On 27 August 2006, Nobari received a special award from President Ahmadinejad for his role in the successful management and execution of the Natanz (Kashan) site plan. |
| 13. | Dr Javad RAHIQI | | Head of AEOI's Esfahan Nuclear Technology Centre. This oversees the uranium conversion plant at Esfahan. Iran is required by the IAEA Board and the Security Council to suspend all enrichment-related activities. This includes all uranium conversion work. AEOI oversees Iran's nuclear programme and is designated under UNSCR 1737 (2006). |

| | Name | Identifying information | Reasons |
|---|---|---|---|
| 14. | Abbas RASHIDI | | Involved in enrichment work at Natanz. Iran is required by the IAEA Board and Security Council to suspend all enrichment-related activities. On 27 August 2006, Rashidi received a special award from President Ahmadinejad for his management and notable role in the successful operation of the 164-centrifuge enrichment cascade at Natanz. |
| 15. | Abdollah SOLAT SANA | | Managing Director of the Uranium Conversion Facility (UCF) in Esfahan. This is the facility that produces the feed material ($UF_6$) for the enrichment facilities at Natanz. On 27 August 2006, Solat Sana received a special award from President Ahmadinejad for his role. |

B. **Entities**

| | Name | Identifying information | Reasons |
|---|---|---|---|
| 1. | Aerospace Industries Organisation, AIO | AIO, 28 Shian 5, Lavizan, Tehran | AIO oversees Iran's production of missiles, including Shahid Hemmat Industrial Group, Shahid Bagheri Industrial Group and Fajr Industrial Group, which were all designated under UNSCR 1737 (2006). The head of AIO and two other senior officials were also designated under UNSCR 1737 (2006). |
| 2. | Armament Industries | Pasdaran Av., PO Box 19585/777, Tehran | A subsidiary of the DIO (Defence Industries Organisation). |
| 3. | Defence Technology and Science Research Centre (DTSRC) — also known as the Educational Research Institute/Moassese Amozeh Va Tahgiaghati (ERI/MAVT Co.) | Pasdaran Av., PO Box 19585/777, Tehran | Responsible for R&D. A subsidiary of the DIO. The DTSRC handles much of the procurement for the DIO. |
| 4. | Jaber Ibn Hayan | AEOI-JIHRD PO Box: 11365-8486; Tehran; 84, 20th Av. Entehaye Karegar Shomali Street; Tehran | Jaber Ibn Hayan is an AEOI (Atomic Energy Organisation of Iran) laboratory involved in fuel-cycle activities. Located within the Tehran Nuclear Research Centre (TNRC), it was not declared by Iran under its safeguards agreement prior to 2003, although conversion work was being carried out there. |
| 5. | Marine Industries | Pasdaran Av., PO Box 19585/777, Tehran | A subsidiary of the DIO. |

| | Name | Identifying information | Reasons |
|---|---|---|---|
| 6. | Nuclear Fuel Production and Procurement Company (NFPC) | AEOI-NFPD, PO Box: 11365-8486, Tehran/Iran | Nuclear Fuel Production Division (NFPD) of AEOI is research and development in the field of nuclear fuel cycle including: uranium exploration, mining, milling, conversion and nuclear waste management. The NFPC is the successor to the NFPD, the subsidiary company under the AEOI that runs research and development in the nuclear fuel cycle including conversion and enrichment. |
| 7. | Special Industries Group | Pasdaran Av., PO Box 19585/777, Tehran | A subsidiary of the DIO. |
| 8. | TAMAS Company | | TAMAS is involved in enrichment-related activities, which Iran is required by the IAEA Board and Security Council to suspend. TAMAS is the overarching body, under which four subsidiaries have been established, including one doing uranium extraction to concentration and another in charge of uranium processing, enrichment and waste." |